# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 17 ta' Novembru, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 620/2021 TA**

**Patrick Busuttil**

**Vs**

**PostalInsure Agency Ltd (C- 5655) ġja Untours Insurance Agents Limited bħala aġenti ta' l-assikuratriċi barranija Qatar Insurance Company**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Patrick Busuttil (l-Attur) tal-24 ta' Ġunju 2021 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. ''Illi nhar it-22 ta' Jannar 2015, l-esponent kien involut f'inċident stradali fi Triq Hompesch, Fgura fejn, waqt li kien qiegħed jaqsam it-triq, ittajjar minn vettura tal-għamla *Toyota Corsa* bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI-284 misjuqa minn ċerta Sharon Mihalik, liema vettura kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni maħruġa mis-soċjetà intimata;
2. Illi proprju minħabba dan l-inċident, proċeduri kriminali ġew istitwiti fil-konfront ta' Sharon Mihalik fejn ġiet akkużata talli involontarjament ikkaġunat ġrieħi ta'

natura gravi fuq l-esponenti u li tali ġrieħi wasslu għal debulezza permanenti fil-ġisem ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi Sharon Mihalik ġiet misjuba ħatja ta' l-akkuża miġjuba kontriha permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Novembru 2018. Din is-sejbien ta' ħtija ġiet ikkonfermata permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Jannar 2020 (ara Dok. 'A').

4. IIli dan l-inċident seħħ unikament tort ta' Sharon Mihalik u dan minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku *da parti* tagħha. Per konsegwenza ta' dan l-inċident, l-esponent qiegħed isofri minn debilità permanenti f'saqajħ u li globalment għandu diżabilita permanenti ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) (ara rapport mediku anness u mmarkat Dok. 'B').

5. IIli apparti minn hekk, bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, l-esponent ġarrab danni *damnum emergens* li jinkludu spejjeż ta' tobba u speċjalisti u *lucrum cessans* f'telf ta' xogħol.

6. Illi għal dawn id-danni, is-soċjetà intimata bħala l-assiguratriċi tal-vettura involuta fl-inċident hi responsabbli għalihom.

7. Illi s-soċjetà intimata ripetutament ġiet interpellata tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mill-esponenti permezz ta' diversi ittri uffiċċjali iżda xorta waħda baqgħet inadempjenti, u għalhekk l-esponent ma kellu ebda għażla oħra għajr li jistitwixxi l-proċeduri odjerni.

Għaldaqstant u previa kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi inċident stradali li seħħ nhar it-22 ta' Jannar 2015 fi Triq Hompesch, Fgura seħħ unikament minħabba traskuraġni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Sharon Mihalik waqt li din kienet qed issuq il-vettura tal-għamla *Toyota Corsa* bin-numru tar-reġistrazzjoni EBI-284;

2. Tiddikjara illi fit-22 ta' Jannar 2015, il-vettura *Toyota Corsa* bin-numru tar-reġistrazzjoni EBI-284 kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni maħruġa mis-soċjetà intimata;

3. Konsegwentement tiddikjara li s-soċjetà intimata responsabbli għad-danni kollha li sofra l-esponent naxxenti mill-inċident stradali li seħħ nhar it-22 ta' Jannar 2015 fi Triq Hompesch, Fgura;

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti, kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*, u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi minn din l-Onorabbli Qorti;

5. Tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittri uffiċċjali 2221/2016, 3289/2018 u 1207/2020, u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' l-inċident sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra s-soċjetà intimata li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni''.

Rat ir-risposta tas-Soċjeta PostaInsure Agency Ltd ġja' Untours Insurance Agency Limited bħal aġenti tal-assikuratriċi barranija Qatar Insurance Company (Is-Soċjeta' konvenuta) li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. ''Illi r-responsabilta' għall-inċident stradali in mertu li seħħ fit-22 ta' Jannar 2015 hija ammessa.

2. Illi għalkemm kien hemm ammissjoni ta' responsabilita' ma sarx qbil dwar il-quantum dovut lir-rikorrenti.

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi''.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għall-lum għas-Sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

L-Attur kien involut f'inċident stradali fit-22 ta' Jannar 2015 fi triq Hompesch il-Fgura. Dan ġara waqt li kien jaqsam it-triq meta safa investit b'vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI-284. Din kienet misjuqa minn ċertu Sharon Mihalik. Din il-vettura hija koperta mis-Soċjeta' konvenuta.

B'konsegwenza ta' dan l-inċident l-imsemmija Sharon Mihalik ġiet misjuba ħatja mill-Qorti tal-Ġudikatura Kriminali permezz ta' Sentenza tas-27 ta' Novembru 2018 li ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-30 ta' Jannar 2020. (Ara dok A mar-rikors ġuramentat).

B'konsegwenza ta' dan l-inċident, l-Attur sofra debilita' ta' natura permanenti u kwindi sofra d-danni konsistenti kemm f'telf attwali u kif ukoll telf ta' qliegħ fil-futur.

Is-Soċjeta' konvenuta hija s-Soċjeta' assiguratriċi tal-vettura u anke fid-dawl tal-ammissjoni tagħha għandha twieġeb għad-danni sofferti mill-Attur.

**<u>Punti ta' liġi</u>**

Kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq, is-Soċjeta' konvenuta ammettiet ir-responsabbilita' tal-assigurat tagħha. Għalhekk jibqa' li għandu jiġi deċiż minn din il-Qorti l-ammont ta' danni sofferti mill-Attur.

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

Speċifikatament, damnum emergens jikkonsisti fit-"telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali". Fil-waqt li *lucrum cessans* jikkonsisti fit-"telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib."

Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti kif fuq ingħad, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili:

"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi t-telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad tal-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja." (**Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005).**

*Damnum emergens*

Kif diġa' aċċennat dawn jikkonsistu f'danni attwali. Dawn id-danni huma indikati bħala li huma fl-istatement imħejji mill-Attur (a' fol 57). Dawn b'kollox jammontaw għal erbgħat elef tlett mija wieħed u għoxrin ewro (€4,321). Ġew presentati 9 riċevuti ta' dawn l-ispejjeż (A60 sa a' 88). Dawn ma ġewx kontestati u fis-seduta tas-7 ta' Frar 2022 Dr. Simon Micallef Stafrace għas-Soċjeta' konvenuta ddikjara li dawn huma kopja fidila tal-oriġinal u li ma kienx hemm ħtieġa tal-prova dwar l-awtentiċita' tagħhom.

Għalhekk dan l-ammont ser jittieħed li huwa danni attwali sofferti mill-Attur.

*Lucrum cessans*

Għal dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef **Joseph R. Micallef rriteniet fil-kawża ġia ċitata Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c** et intqal hekk :

“Għal dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-**Qorti Ċivili Prim’ Awla per Imħallef Joseph R. Micallef fis-Sentenza fl-ismijiet Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c** inqal hekk:

*“Dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta’ qligħ li l-attur seta’ bata diġà minn dak inhar tal-inċident, u wkoll dak li kien se’ jkollu jbati ’l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ; Illi l-kliem ‘inkapaċita għal dejjem’ li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li ‘f’sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta’ natura durevoli, f’sens legali tikkonsisti f’dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizza kieku ma kienx għall-event leżiv’.* (Ara ukoll **Sentenza tal-Prim’Awla tat-30 ta’ Jannar 2008 fl-isimijiet Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et**).

Hemm linja ta’ ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-prinċipju tar-*restitutio in integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa jqiegħed lill-persuna mġarrba f’pożizzjoni daqs li kieku ma kien ġralu xejn .

Il-liġi tagħna tagħraf bejn “telf ta’ paga jew qligħ ieħor attwali” u “telf ta’ qligħ li jbati ’l quddiem”. Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta’ telf huma magħrufa wkoll f’sistemi evoluti ta’ likwidazzjoni ta’ kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn “past pecuniary loss” u “future pecuniary loss”. Tant hu hekk, li huwa mgħallem li “*Past pecuniary loss comprises special*

*damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*" (**Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death, (3rd Edit.) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64**)

Din id-distinzjoni għalhekk dejjem għenet sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali. Il-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonjiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-lucrum cessans jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża (**Ara App. Ċiv. Tat-30 ta' Novembru 1964 fl-ismijiet Cachia -vs- Conti et (Kollez. Vol: XLVIII.i.500**) Iżda l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha (**App. Ċiv. 7.7.1998 fil-kawża fl-ismijiet Gatt vs Carbone noe (Kollez, Vol: LXXXII.ii.242**)). Apparti dan d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament

mat-telf ta’ qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak in-nhar tal-korriment (Ara **Sentenza tal-P.A tal-31 ta’ Jannar 1995 fl-ismijiet Vincent Cutajar -vs- Alfred Scicluna**).

Huwa għalhekk li jinsab stabbilit ukoll li l-multiplier jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż. Illi f’dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma’ dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx.

Huwa fid-dawl ta’ dawn il-prinċipji li ser ikunu kalkolati d-danni rappreżentanti qliegħ fil-futur.

Meta l-Attur għamel l-affidavit tiegħu, fil-11 ta’ Jannar 2022 huwa kellu 63 sena (a’ fol 57). Dan ifisser li meta seħħ l-inċident fit-22 ta’ Jannar 2015 huwa kellu 55 sena. Il-Qorti ser tieħu bħala ħajja lavorativa tiegħu sal-eta’ ta’ 65. Dan ifisser li l-multiplier huwa dak ta’ għaxar snin.

Bħal salarju kellu medja ta’ ħmistax-il-elf mija u għoxrin ewro (€15,120) fis-sena (Ara dokumenti minn a’ fol 93 et seq). Mill-inċident sakemm saret il-Kawża għaddew kważi sitt snin u l-kawża qed tkun deċiża kważi sena u disgħa xhur wara li giet intavolata. Ai fini ta’ lump sum payment dawn il-Qrati stabilew li dawn għandhom jitnaqqsu 2% kull sena dewmien (Ara **Sentenza fl-ismijiet Caruana -vs- Camilleri PA tal- 5 ta’ Ottubru, 1993**). Pero jrid ikun xeħta ta’ dewmien li ma jkunx jaħti għaliex l-Attur (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA tas-16 ta’ Lulju, 2001**). F’dan il-każ l-Attur għażel li jagħmel il-Kawża sitt snin wara l-inċident u ma hemm xejn fl-atti li jindika li dan id-dewmien taħti għaliħ

is-Soċjeta' konvenuta. B'dana kollu fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma hiex ser tkun qed tnaqqas is-soliti 20% lump sum payment iżda 18%.

Hija l-kwistjoni tal-permanenza ta' diżabilita' li ħabtet lil Qorti u dan peress, li quddiemha għandha żewġ rapporti mediċi, wieħed ta' Mr. Ray Gatt, tabib ex parte tal-Attur, u dak ta' Mr Carmel Sciberras, li qabdet il-Qorti bħala espert tagħha. Ir-rapport ta' Mr Ray Gatt tat-23 ta' Mejju 2016 jistabilixxi li l-Attur qiegħed isofri minn diżabilita permanenti ta' 25% (A'fol 290). Mentri dak ta' Mr. Carmel Sciberras jistabilixxi li qiegħed isofri minn 12% diżabilita permanenti. Din hija materja estremament teknika u f'sitwazzjoni bħal din huma l-esperti li jridu jigwidaw lill-Qorti. Artikolu 681 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jistabilixxi li l-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nnfisha.

F'dan ir-rigward dawn il-Qrati jgħallmu illi huwa sintomatiku li għalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni tagħha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-imsemmi artikolu, jibqa' jippersisti l-fatt li tali konklużjoni peritali, speċjalment fuq natura purament teknika, din il-Qorti *"ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami*" (Ara Sentenza fl-ismijiet **Philip Grima -vs- Carmelo Mamo tal-29 ta' Mejju 1998 u kif ukoll Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca tas 6 ta' Ottubru 1999**).

Din il-Qorti eżaminat iż-żewġ rapporti msemmija u fil-kuxjenza tħoss, li iż-żewġ tobba urew kompetenza u għamlu osservazzjonijiet parament validi. Għalhekk tħoss, li jkollu mis-sewwa; jekk tistabilixxi il-perċentwal tad-diżabilita' permanenti fl-ammont ta' 18%.

Għalkemm huwa minnu li din il-Qorti ħadet l-eta' ta' 65 ai fini ta' ħajja lavorattiva tal-Attur, tirrikonoxxi ukoll li ma tistax ma tieħux kont tal-aspett inflazzjonarju tal-flus, anke jekk l-Attur jagħmel snin oħra ħaj wara l-eta' imsemmija. L-inflazzjoni ma ġġibx biss żieda fil-prezzijiet, iżda anke fil-pagi. Fil-fatt il-Qorti tosserva li għat-tlett snin li ġew presentati l-FS3 tas-salarju tal-Attur, kull sena il-paga żdiedet fuq dik ta' qabel anke jekk mhux f'ammonti kbar.

Għalhekk, indipendentement minn x'kienet il-kawża għad-dewmien, ikun inġust li kieku din il-Qorti ma tipprovdix sabiex id-danni mogħtija jkunu jirriflettu dan it-tibdil radikali fiċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-partijiet. Li kieku l-Qorti ma tagħmilx hekk, ikun ifisser, li fil-waqt l-Konvenut ikun gawda minn salarju li jkun żdied fil-mori tal-kawża b'konsegwenza taż-żieda tal-prezzijiet, meta l-Attur ma hu ser jibbenefika xejn minn dan kollu.

Il-Qorti trid tfakkar, li sakemm ikun umanament possibbli, il-vittma għandha tqiegħed fl-istat finanzjarju li kienet tkun fiħ illum li kieku ma seħħx l-inċident inkwistjoni. Għalhekk il-Qorti wara li ħadet kont tar-rati ta' inflazzjoni bejn 2015 u s-snin ta' wara, tħoss li jkun ġust li tagħti ukoll somma lill-attur fl-ammont ta' elfejn ewro (€2000) biex tagħmel tajjeb għad-deterjorament u erosjoni tal-munita b'konsegwenza tal-inflazzjoni li llum hija fatt palpabbli. Ma hemm xejn li jżomm lill-Qorti milli f'dan ir-rigward tapplika anke l-prinċipju tal-ġustizzja

ekwitattiva, għalkemm din trid tinżamm dejjem fil-qafas ta' dak li jiddisponu l-artikoli 1135 u 1045 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta (**Margaret Camilleri et -vs The Cargo Handling Co Ltd deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2004**).

Għalhekk bħala lucrum cessans din il-Qorti qed tistabilixxi hekk: €15,120 [paga medja] x 10 [aspettativa lavorattiva]= €151,200~100x18 [lump sum payment] = €124,984~100x18 [perċentwal ta'diżabilita'] = €22,317.12 [lucrum cessans].

Id-danni kollha huma €22,317+€4,321 (damnum emergens)+€2000 (żieda inflazzjonarja)= €28,638.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** anke fid-dawl tal-ammissjoni tas-Soċjeta' konvenuta.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tiddikjara, fit-22 ta' Jannar 2015, il-vettura Toyota Corsa bin-numru tar-reġistrazzjoni EBI-284 kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni maħruġa mis-Soċjeta' konvenuta.

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tiddikjara lis-Soċjeta' konvenuta responsabbli għad-danni kollha li sofra l-Attur naxxenti mill-inċident stradali fuq imsemmi.

**Tilqa' ir-raba' talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' tmienja u għoxrin elf sitt mija u tmienja u tletin ewro (€28,638.).

**Tilqa' il-ħames talba Attriċi** u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas lill-Attur l-ammont hekk likwidat bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjeż kollha tal-kawża għas-Soċjeta' konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**